MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## EDWINA GRIMA

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 2004/2004

**Storage Systems Ltd**

**vs**

**Cole Foods Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta’ Ottubru, 2004, fejn intalab li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ elf erba’ mija u hamsa u tletin lira Maltin (Lm1435) rappresentanti bilanc ta’ prezz wara bejgh u konsenja ta’ merkanzija.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’l-ittra bonarja tat-8 ta’ Ottubru 2004, u bl-imghaxijiet legali, kontra s-socjeta konvenuta, ingunta in subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex is-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u

b’hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tat-18 ta’ Frar 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ elf erba’ mija u hamsa u tletin lira Maltin (Lm1435), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------